# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 22**

**Rikors numru 843/16/1 JZM**

Fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu Numru 838/2013 fl-ismijiet:

**Jesmond Mizzi Financial Advisors Limited**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**v.**

**Paul u Maria Dolores miżżewġin Fenech**

1. Fis-6 ta' Lulju 2006 il-konjuġi Fenech kienu ngħataw żewġ *loans* mill-Bank appellant, waħda f'somma ta' €150,011.65 u oħra f'somma ta' €23,293.73. L-ewwel waħda ngħatat minħabba djun dovuti mill-konjuġi Fenech fuq *overdraft* u żewġ *loans* u t-tieni waħda sabiex jitħallsu

kredituri privileġġati tal-istess konjuġi Fenech. Sabiex jassigura dan is-self il-Bank appellant kellu favur tiegħu erba' *pledges* fuq "*units of 6.45% MGS 2014 (II)*" appartenenti lill-konjuġi Fenech. Il-*loan* fl-ammont ta' €23,293.73 kienet tħallset mill-konjuġi Fenech fl-2010. Sussegwentement, il-Bank appellanti kien ġie dikjarat kreditur ta' Paul u Maria Dolores Fenech fl-ammont ta' €118,805.03, oltre mgħaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Ottubru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv u dan permezz ta' digriet datat 6 ta' Marzu 2013 mogħti fl-atti tas-subbasta bin-numru 22/2012.

2. Fl-1 ta' Lulju 2013 Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd. iddepożitat is-somma ta' €92,255.83, provenjenti "mill-bejgħ ta' "Nominal 85,470 Malta Government Stock 6.4% 2014 (III)" u li jappartjenu lill-intimati Paul Fenech u oħrajn, liema ammonti jinsabu mirhuna a favur ir-rikorrent il-Bank of Valletta P.l.c." sabiex jiġu rrilaxxati lil min huwa ntitolat għalihom. L-iżbank tal-imsemmija somma ta' €92,255.83 favur il-Bank appellant kien ġie oppost u għalhekk il-Bank talab il-ftuħ ta' konkors ta' kredituri għall-finijiet tal-Artikolu 416(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. F'dawn il-proċeduri l-Bank appellanti talab lill-ewwel Qorti s-segwenti:

> "Għaldaqstant, salv il-premess u bir-riżerva ta' kwalsiasi azzjoni spettanti lis-soċjeta esponenti, l-esponenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Jogħġobha (1) Tammettieha fil-lista ta' kredituri ai termini tal-Artikolu 416 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (2)

Tordna li l-kreditu tagħha jiġi ppregradwat u (3) Tawtorizza lill-esponenti tirtira s-somma ta' flus depożitata permezz taċ-ċedola ta' depożitu fl-ismijiet fuq imsemmijia, akkont tal-kreditur tagħha versu l-konjuġi intimati Fenech kollox taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li din l-Onorabbli Qorti Jogħġobha Tordna u Timponi.

Bl-ispejjeż kontra il-kredituri l-oħra li opponew inutilment l-iżbank tal-istess esponenti."

4. Permezz ta' digriet mogħti waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju 2017 l-ewwel Qorti ammettiet biex jikkonkorru bħala kredituri tal-konjuġi Fenech f'dawn il-proċeduri lil Bank of Valletta plc, Paul Camilleri, Alberta Fire and Security Equipment Limited, Tamarac Limited u lil Perit Stephen Serracino Inglott.

5. Permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2018 ġie deċiż hekk:

"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi:–

Tiddikjara u tordna illi mill-ammont ta` tnejn u disghin elf mija erbgha u tmenin Ewro sitta u hamsin centezmu (EUR 92,184.56) li kien depozitat bis-sahha ta` Cedola ta` Depozitu Numru 838/2013 fl-ismijiet premessi, is-somma ta` tlieta u hamsin elf disa` mija disgha u sittin Ewro tnejn u sebghin centezmu (EUR 53,969.72) ghandha tithallas lil Bank of Valletta p.l.c.

Tiddikjara u tordna illi l-bilanc fl-ammont gia` tmienja u tletin elf mitejn u erbatax-il Ewro erbgha u tmenin centezmu (EUR 38,214.84c) ghandu jithallas bil-mod illi gej:-

Fl-ewwel grad, ghandu jithallas Bank of Valletta p.l.c. ghall-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-procedura tas-subbasta.

Ghar-rigward tal-ispejjez ta` dan il-procediment, tordna li kull kreditur konkorrent ihallas l-ispejjez tieghu skont il-kreditu li kien qieghed jippretendi li jithallas.

Fit-tieni grad, ghandu jithallas Paul Camilleri dak l-ammont massimu tal-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat skont l-Art 20 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta, ossija ghal massimu ta` tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat, u l-kumpens ghal-leave li l-impjegat jista` ikollu jedd ghalih, flimkien ma` kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat ghat-temm tal-impieg, jew kull avviz dwaru, b`dana illi f`kull kaz, l-ammont massimu tal-jedd bi privilegg ma ghandux ikun aktar mill-ekwivalenti tal-paga minima nazzjonali li tithallas fil-waqt meta ssir it-talba fuq perjodu ta` sitt xhur.

Fit-tielet grad, jekk ikun jifdal flejjes, ghandha tithallas issocjeta` Tamarac Limited is-somma ta` ghoxrin elf tliet mija u tletin (EUR 20,330) bl-imghax dekors fuq dak is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju isir finali b`dan illi l-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih.

Fir-raba` grad, fil-kaz illi jkun fadal flejjes ohra, ghandu jsir hlas pro rata lill-kredituri l-ohrajn kollha, inkluz Paul Camilleri ghal kwalunke bilanc li jkun ghadu dovut lilu."

6. Is-soċjeta` Bank of Valletta p.l.c. preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Frar 2018 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi minflok l-ewwel dispost tad-*decide* tordna li l-ammont kollu ta' €92,184.56 depożitat bis-saħħa tac-Ċedola ta' Depożitu numru 838/2013 għandu jiġi kollu liberament żbankat minnha, tirriforma r-raba' parti tad-*decide* billi tordna li kull kreditur konkorrent iħallas l-ispejjeż ħlief għal Bank of Valletta, l-ispejjeż ta' min għandhom jitħallsu mill-Perit Stephen Serracino Inglott, tħassar it-tieni, il-ħames, is-sitt u s-seba' parti tad-*decide*, tordna li l-ammont kollu ta' €92,184.56 depożitat bis-saħħa tac-Ċedola ta' Depożitu numru 838/2013 għandu jiġi rtirat unikament mill-appellanti u tordna li kull kreditur iħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell, ħlief għall-ispejjeż tiegħu li għandhom jitħallsu mill-Perit Stephen Serracino Inglott.

7. Tamarac Limited preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-3 ta' April 2018 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-Bank appellanti. Sussegwentement l-istess Tamarac Limited preżentat nota datata 15 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema nformat lil Qorti li kienet ġiet notifikata erronjament bl-avviż tas-smigħ tal-appell għaliex hija qatt ma kienet parti fil-kawża u m'għandha l-ebda konoxxenza dwar il-materja tal-kawża.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel u t-Tieni Aggravju**

8. Permezz tal-ewwel aggravju l-Bank appellant isostni li l-ewwel Qorti għamlet żball meta kkonsidrat li d-drittijiet ta' rahan tiegħu fuq id-depożitu magħmul minn Jesmond Mizzi Financial Advisors Limited kien biss sal-ammont ta' €53,969.72. Jargumenta li mid-dokumenti annessi jirriżulta li l-ħamsin elf sehem fil-Malta Government Stock 6.45% 2014 (II) kienu mixtrija u mirhuna favur il-Bank bejn is-sena 2001 u 2003. Jispjega li dawn l-ishma jiġu kwotati bil-valur nominali tal-munita lokali, li fis-snin 2001 u 2003 kienet il-Lira Maltija. Ikompli li b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 dawn l-erba' *holdings* baqgħu nominali pero` ġew konvertiti għal 116,470 ishma nominali bil-valur nominal ta' ewro (€1) kull wieħed. Iżid li minn dan kien hemm riduzzjoni ta' €31,000 li saret fis-26 ta' Marzu 2010, u

għalhekk wara dan it-tnaqqis kien għad fadal 85,470 ismha tal-valur nominali ta' €1, li kien l-istock kollu li nbiegħ waqt is-subbasta *tramite* Jesmond Mizzi Financial Advisors Limited. Tkompli li dawn l-ishma nbiegħu għall-prezz ta' €1.0789 kull wieħed u għalhekk ġabu prezz finali ta' €92,213.58, liema ammont imbagħad niżel għal €92,184 wara li żdied l-imgħax akkumulat u wara li ġew dedotti xi spejjeż f'*commissions* u l-ispejjeż legali. Jgħid li l-ishma jiġu dejjem kwotati bil-valur nominali tagħhom fil-munita ta' dak il-pajjiż fil-jum li jiġu hekk kwotati u li din hija prassi stabbilita u norma legali fil-kamp finanzjarju. Iżid li dan jinsab ikkonfermat minn Dok. GCW3 u GCW4 li jirreferu għal Lm10,000 u Lm5,000 li juru li l-ishma kienu kwotati nominalment u fuq il-Lira Maltija meta nxtraw.

9. Permezz tat-tieni aggravju l-Bank appellant jilmenta li l-ewwel Qorti marret oltre mir-regola li l-Qorti tiddeċiedi fuq il-provi mressqa quddiemha. L-appellant jargumenta li l-ebda wieħed mill-konkorrenti ma kkontesta l-fatt li s-somma mertu taċ-ċedola ta' depożitu msemmija tirrappreżenta l-ishma, jew aħjar *stocks,* li kollha kienu mirhuna favur tiegħu. Jgħid għalhekk li l-ewwel Qorti ma kellhiex tissorprendih billi tiddeċiedi fuq punt sollevat *ex officio* li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwaru.

10. Tamarac Limited tirribatti li l-Bank ma jistax jippretendi li jitħallas aktar mir-rahan li kellu, u li mill-atti jirriżulta li huwa kellu rahan fuq 50,000 sehem kif sewwa kkonkludiet l-ewwel Qorti. Fir-rigward tat-tieni aggravju targumenta li l-Bank appellant ma jistax jippretendi li l-ewwel Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu li l-*units* mibjugħa huma kollha mirhuna favur tiegħu meta din hija stqarrija falza li ma tirriżultax mill-provi.

11. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Skont id-dokument esebit a fol 142 bl-isem sale contract note jirrizulta illi sar bejgh ta` 85,470.00–il sehem ta` Malta Government Stock 6.45% 2014 (II). Kull sehem irrizulta li nbiegh ghall-prezz ta` EUR 1.0789, peress li 85,470.00 l-ishma rrendew EUR 92,213.58c. Kien hemm imbaghad imghax akkumulat ghal 25 gurnata ammontanti ghal EUR 374.51c izda kellhom jitnaqqsu mill-ammont globali EUR 4.40 bhala transaction charge u EUR 327.76c bhala commissions sabiex biex b` hekk ir-rikavat nett ta` l-bejgh kien ta` EUR 92,255.83c.
>
> Ghar-rigward tal-kreditu ta` Bank of Valletta plc, il-Qorti ser toqghod fuq ix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank, u fuq id-dokumenti li pprezenta partikolarment Dok GVW 1 a fol 117 sa 120 tal-process. Din hija l-ittra ta` self fejn kien indikat ir-rahan hareg favur il-Bank ghar-rigward tal-ishma partikolari.
>
> Kif ikkonferma bil-gurament George Cassar White, ir-rahan kien kostitwit ghal 50,000 sehem mill-Malta Government Stock 6.45% 2014 (II) u cioe`:-
>
> Ref: 05 1380 Pledge on 8000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT 10992, given by Paul and Maria Dolores Fenech on the 11/02/2003.
>
> Ref: 05 1381 Pledge on 5000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT 10992, given by Paul And Maria Dolores Fenech on the 27/09/2002.
>
> Ref: 05 1382 Pledge on 10000 units of 6.45% MGS 2014 (II)– MT 10992, given by Paul And Maria Dolores Fenech on the 14/01/2002.
>
> Ref: 05 1383 Pledge on 27000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT 10992, given by Paul And Maria Dolores Fenech on the 05/07/2001.

Il-Qorti tosserva li c-cedola tirreferi ghal Malta Government Stock 6.4% 2014(III). Fis-sale contract note annessa mac-cedola (a fol 34 tal-atti tas-subbasta numru 22/2012 kif ukoll a fol 142 tal-process odjern), jinghad illi l-stock code huwa MGS 6.45% 2014 (II).

Kif diga` osservat aktar kmieni, huwa evidenti li qed issir referenza ghall-istess stocks tal-Gvern, minkejja differenzi ndikati.

Pero` mhux l-istess jista` jinghad dwar il-kwantita` ta` ishma li gew moghtija bi pledge lill-Bank.

Fl-erba` skritturi li ssir referenza ghalihom mill-Bank, ossija dawk datati 5 ta` Lulju 2001, 14 ta` Jannar 2002; 27 ta` Settembru 2002 u 11 ta` Frar 2003, jirrizulta li l-ammonti ta` units li gew kawtelati ghad-debiti ta` Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech kienu fl-ammont ta` 27,000, 10,000, 5,000 u 8,000. Hekk jirrizulta mid-dokumenti esebiti u hekk ukoll irrizulta mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank.

L-unici dokumenti li ma jaqblux mad-dokumenti tal-pledges ezebiti huma dawk a fol 7 u a fol 8 ta` l-atti tas-subbasta numru 22/2012.

F`dawn id-dokumenti, jinghad illi l-pledge vigenti a tenur tal-ftehim tal-5 ta` Lulju 2001 kienet giet ridotta minn 62,894 ghal 31,894-il sehem. Madanakollu ma gew ezebiti l-pledge over securities documents li jsostnu dawn il-figuri.

Id-dokumenti esebiti juru total ta` ishma moghtija b`rahan fil-figura ta` 50,000.

Jekk isir kalkolu tal-valur ta` dawn il-50,000 sehem, jirrizulta mill-figuri li jidhru fid-dokument a fol 142 tal-process, li dawn inbieghu ghall-prezz ta` EUR 53,945. Ma` dan l-ammont irid jizdied l-persentagg ta` accrued interest ta` 25 jum ammontanti ghal EUR 219.09c. Minn dawn l-ammonti, iridu jitnaqqsu transaction charges u commissions ammontanti fis-somma ta` EUR 194.37c.

B`hekk, l-ammont li fuqu l-Bank jgawdi minn rahan huwa EUR 53,969.72c.

Dan il-kontegg sar abbazi tas-sale contract note a fol 142.

Taghmel referenza ghal dawn id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili :-

L-Art 1966(1) li jaqra :

> "Ir-rahan jaghti lill-kreditur il-jedd li jithallas minn fuq il-haga mirhuna bi privilegg fuq kredituri ohra kif jinghad fit-Titolu XXIII."

L-Art 2009(a) li jghid:-

> "Il-krediti privileggati fuq hwejjeg mobbli partikolari huma :
>
> (a) il-kreditu ta` min jiehu r-rahan, fuq il-haga li jkollu f`idejh b`titolu ta` rahan ; …"

L-Art 2089 li jistipola :

> "Il-krediti li ghandhom privilegg generali skont lartikolu 2003 (a), (b) u (c) jithallsu qabel dawk li ghandhom privilegg xort`ohra, minn barra biss il-kreditu ta` dak li jkollu rahan f`idejh, kif imsemmi fl-artikolu 2009(a)."

L-Art 2003(a) li jaqra :

> "Il-krediti privileggati fuq il-beni kollha ta` kull xorta, huma : (a) l-ispejjez gudizzjarji … "

Min ghandu rahan fil-pussess tieghu jippregradwa anke l-ispejjez gudizzjarji.

Il-Qorti tghid li fuq l-ammont ta` EUR 53,969.72c, Bank of Valleta plc ghandha tippregradwa l-kredituri konkorrenti l-ohra.

Dan premess, ikompli jinghad illi billi c-cedola ta` depozitu saret ghall-ammont ta` EUR 92,184.56c, allura ghall-bilanc ta` EUR 38,214.84c (EUR 92,184.56 – EUR 53,969.72) il-Bank ma jippregradwax bis-sahha tar-rahan."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

12. Il-punt ta' kontestazzjoni f'dan l-appell huwa dwar l-estent tar-rahan li għandu l-Bank appellant fuq l-ishma, ossia *stock*, proprjeta` tal-konjuġi Fenech li ġie mibjugħ fis-subbasta bin-numru 22/2012 għas-somma globali nett ta' €92,184.56. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-Bank appellant kellu rahan fuq 50,000 sehem, u li għalhekk huwa jippregradwa lill-kredituri l-oħra bis-saħħa tar-rahan tiegħu fuq is-somma ta' €53,969.72 u mhux fuq is-somma sħiħa depożitata taħt l-awtorita` tal-Qorti. Il-Bank appellant min-naħa l-oħra jikkontendi li r-rahan tiegħu jkopri s-somma

sħiha għaliex il-50,000 sehem ġew kwotati bil-valur nominali bil-Lira Maltija peress li kienu nxtraw qabel ma l-Lira Maltija nbidlet għall-ewro.

13. Wara li eżaminat bir-reqqa l-atti tal-kawża, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant għandu mis-sewwa. L-ewwel nett, kif sewwa jgħid l-appellant, Dok. GCW3 u GCW4 juru li dawn l-ishma kienu qed jiġu kwotati fuq il-valur nominali tagħhom, u dan peress illi jagħmlu referenza espressa għal Lm10,000 (*fol.* 128) u Lm5,000 (*fol.* 132).

14. Inoltre, il-Qorti rat li fis-26 ta' Marzu 2010 l-appellant informa lill-Malta Stock Exchange b'dan:

> "*We hereby give you notice that we have terminated a pledge on:*
>
> *31000 holding from the captioned holding as security for banking facilities made available to*
> *Mr Paul & Mrs Maria Dolores Fenech*
>
> *A pledge for 31894 holding is to remain effective.*
>
> *This letter relates to our pledge dated 05/07/2001 with collateral reference number 05 1383.* [...]"

15. Għalkemm l-ewwel Qorti kkonsidrat li ma nġabitx prova fir-rigward ta' din ir-riduzzjoni fil-*pledge,* il-Qorti tosserva li f'GCW1, li jelenka lista ta' *pledges* li l-appellant kellu fuq assi tal-konjuġi Fenech, hemm elenkata Re 05 1383 li hija deskritta b'dan il-mod "*Pledge on 27,000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT10992, given by Paul and Maria Dolores Fenech on the 05/07/2001.*" Għalhekk m'hemm l-ebda dubju li r-riduzzjoni

msemmija mill-Bank appellant kienet tirreferi proprju għal dawn l-ishma, ġaladarba għandhom l-istess numru ta' referenza u l-istess data tal-ftehim. Dan juri li l-ammonti ndikati f'Dok GCW1 huma valuri nominali bil-Lira Maltija, għaliex altrimenti ma jistax ikun li minn 27,000 sehem jitnaqqsu 31,000 u jibqa' bilanċ ta' 31,894. Fil-fatt, il-Malta Stock Exchange bagħtet *acknowledgement* għal din l-ittra (*fol.* 124) fejn indikat li l-ammont oriġinali tal-*pledge* kien jammonta għal 62,894. Huwa ċar li dan l-ammont ta' 62,894 huwa l-ammont ta' ishma ta' 27,000 indikati bil-valur nominali wara l-konverżjoni għal munita ewro.

16. Għaldaqstant il-Qorti tqis li għandu raġun l-appellant li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-Bank appellant għandu rahan fuq is-somma ta' €53,969.72 u mhux fuq is-somma kollha ddepożitata taħt l-awtorita` tal-Qorti minn Jesmond Mizzi Financial Advisors Limited. Minn dan isegwi li l-ewwel aggravju tal-Bank appellant huwa fondat u qiegħed jiġi milqugħ.

**It-Tielet Aggravju**

17. Permezz ta' dan l-aggravju l-Bank appellant isostni li l-Perit Stephen Serracino Inglott kellu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-appellant għaliex kien hu li ta lok għal dawn il-proċeduri billi nsista li jħallu l-mandat ta' sekwestru tiegħu *in vigore* minkejja li kien ġie avżat bil-fatti

kollha mertu ta' dawn il-proċeduri u mqiegħed *in mora* bil-protest ġudizzjarju ntavolat mill-Bank appellant.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

18. Il-Bank appellant jibbaża dan l-aggravju fuq l-argument li kien il-Perit Stephen Serracino Inglott li ta lok għal dawn il-proċeduri billi kien insista li r-Reġistratur tal-Qorti m'għandux jagħmel l-iżbank favur il-Bank appellant għaliex il-Perit kellu mandat ta' sekwestru *in vigore* kontra Paul Fenech. Il-Qorti tosserva li dan l-argument jinsab sorrett mill-provi, u senjatament mill-affidavit tal-Perit Stephen Serracino Inglott stess (*fol.* 195 - 196). Fl-affidavit tiegħu l-Perit Serracino Inglott xehed li huwa pretenda li l-Bank appellant iċedi mqar parti mill-pretensjoni tiegħu, partikolarment ikkonsidrat li skont hu, huwa kien ottjena sentenza qabel il-Bank appellant. Il-Qorti tosserva pero` li indipendentement minn meta ottjenew is-sentenzi rispettivi tagħhom il-Bank appellant u l-Perit Serracino Inglott, il-Bank appellant kellu rahan fuq l-ishma li nbiegħu bis-subbasta, liema rahan *ex lege* jippregradwa l-kreditu tal-istess Perit, u li dan ir-rahan kien ġie kostitwit favur il-Bank appellant ferm qabel is-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur li ngħatat favur il-Perit Serracino Inglott.

19. Jirriżulta li l-Perit Serracino Inglott kien ġie nformat bil-pożizzjoni legali tal-Bank appellant permezz ta' protest ġudizzjarju datat 8 ta' Lulju 2018 (*fol.* 147). Għalhekk il-Perit kien tpoġġa f'pożizzjoni fejn messu kien jaf li jekk isir konkors tal-kredituri, l-kreditu tal-Bank kien ser jippregradwa l-kreditu tiegħu u ma kien ser jibqa' l-ebda fondi li setgħu jiġu żborsati favur l-istess perit. Għalhekk il-Qorti tqis li għandu raġun il-Bank appellant li kien il-Perit Serracino Inglott li ħoloq il-ħtieġa li jsiru dawn il-proċeduri u li għalhekk għandu jkun hu li jħallas l-ispejjeż tal-Bank appellant tal-proċeduri tal-prim'istanza. Fir-rigward tal-proċeduri ta' dan l-appell, il-Qorti tqis li dawn għandhom jitħallsu mill-kredituri konkorrenti appellati *pro rata.*

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel u t-tielet aggravju tal-Bank appellant, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tordna li s-somma ta' tnejn u disgħin elf, mija erbgħa u tmenin ewro, sitta u ħamsin ċenteżmu (€92,184.56) li kienet ġiet depozitata bis-saħħa ta` Ċedola ta` Depozitu Numru 838/2013 titħallas lill-Bank of Valletta p.l.c. u tawtorizza lill-istess Bank sabiex jirtira s-somma ta' tnejn u disgħin elf, mija erbgħa u tmenin ewro, sitta u ħamsin ċenteżmu (€92,184.56).

L-ispejjeż tal-proċeduri in prim'istanza jitħallsu mill-kredituri konkorrenti *pro rata* skont il-kreditu li kienu qed jippretendu li jitħallsu, ħlief għall-ispejjeż tal-Bank appellant li għandhom jitħallsu unikament mill-Perit Stephen Serracino Inglott, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-kredituri konkorrenti appellati *pro rata.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm